

# Djalogu mal-pazjent

Turija Prattika tal-metodu 'qanqal-iprovd-i-qanqal'method

Fl-2002, studju xjentifiku<sup>1</sup> introduċa metodu ta' komunikazzjoni mal-pazjent li wera riżultati fl-għajjnuna lit-tobba meta jkollhom bżonn im-exxu konsultazzjonijiet diffiċli dwar l-għoti ta' antibijotiċi għal infezzjonijiet respiratorji akuti.

Il-metodu, bl-isem 'qanqal-iprovd-i-qanqal', huwa metodu ffokat fuq il-pazjent li jista' jiġi adattat għal firxa ta' sitwazzjonijiet kliniċi. Provi kliniċi reċenti<sup>2,3</sup> juru li l-introduzzjoni ta' ħiliet avvanzati fil-komunikazzjoni bbażati fuq dan il-metodu fil-prattika ġenerali tippermetti lit-tobba fil-kura primarja sabiex jagħtu ferm inqas riċetti għal antibijotiċi filwaqt li jżommu grad għoli ta' konten-tizza min-naħa tal-pazjent, mingħajr ma joħolqu impatt fuq iż-żmien ta' rkupru tal-pazjent u fuq il-ħinijiet ta' konsultazzjoni.

Barra minn hekk, teżisti evidenza li l-edukazzjoni tal-pazjent tista' tirriżulta fi tnaqqis tar-rati ta' konsultazzjoni mill-ġdid u tal-użu ta' antibijotiċi għal infezzjonijiet fil-passaġġ respiratorju<sup>4</sup>. L-użu ta' materjali ta' informazzjoni għall-pazjent matul il-konsultazzjonijiet jista' jgħin fis-sostenn tal-messaġġi li jagħtu t-tobba u jżid il-konformità tal-pazjent mal-istrateġija ta' amministrazzjoni proposta fuq perjodu ta' żmien itwal.

Il-mudell ta' djalogu mal-pazjent issuġġerit hawn taħt ippropona metodu li jista' jintuża minn dawk li jipprovdu l-kura primarja mal-pazjenti li jkunu qed jirrikorru għandhom minħabba infezzjonijiet fil-passaġġ respiratorju, fuq il-bażi tal-metodu 'qanqal-iprovd-i-qanqal':

## 1) Qanqal Islet:

- Staqsi dwar it-tħassib tal-pazjent fir-rigward tal-marda tiegħu/tagħha
- Staqsi dwar l-aspettattivi tal-pazjent dwar l-immaniġjar

## 2) Ipprovd-i:

- Agħti informazzjoni dwar il-marda, inkludi l-fatt li l-ġisem tal-pazjent se jjer jegħleb il-marda waħdu b'mod effettiv
- Agħti informazzjoni dwar il-punti favur u dawk kontra fir-rigward tal-antibijotiċi u r-riskju ta' reżistenza għall-antibijotiċi
- Agħti parir dwar strateġiji ta' mmaniġjar personali
- Avża dwar it-tul mistenni tal-marda
- Avża dwar is-sintomi li jeħtieġu konsultazzjoni mill-ġdid

## 3) Qanqal:

- Ikkonferma li l-pazjent fehem u jaqbel mal-istrateġija kkomunikata

Il-mudell ta' djalogu mal-pazjent ta' hawn taħt għandu l-għan li jipprovdi gwida u appoġġ għat-tobba tal-kura primarja li jkollhom jirreżistu għall-pressjoni għall-antibijotiċi min-naħa tal-pazjent kif ukoll jipromwovu użu xieraq tal-antibijotiċi fost il-pazjenti.

<sup>1</sup> Rollnick S, Kinnersley P, Butler C. Context-bound communication skills training: development of a new method. *Med Educ* 2002;36:377-83.

<sup>2</sup> Cals JW, Butler CC, Hopstaken RM, Hood K, Dinant GJ., Effect of point of care testing for C reactive protein and training in communication skills on antibiotic use in lower respiratory tract infections: cluster randomised trial. *BMJ*. 2009 May 5;338:b1374. doi: 10.1136/bmj.b1374.

<sup>3</sup> Cals JW, Scheppers NA, Hopstaken RM, Hood K, Dinant GJ, Goettsch H, Butler CC., Evidence based management of acute bronchitis; sustained competence of enhanced communication skills acquisition in general practice. *Patient Educ Couns*. 2007 Nov;68(3):270-8. Epub 2007 Aug 21.

<sup>4</sup> Francis NA, Hood K, Simpson S, Wood F, Nuttall J, Butler CC., The effect of using an interactive booklet on childhood respiratory tract infections in consultations: study protocol for a cluster randomised controlled trial in primary care. *BMC Fam Pract*. 2008 Apr 24;9:23.

# Djalogu mal-pazjent

Turija prattika tal-metodu 'qanqal-iprovdi-qanqal'method

